# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

## Laqgħa Nru. *18/07/2016*

Data: It-Tlieta 26 ta' Lulju 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti:
*Is-Sur Nicky Saliba – Sindku*
*Is-Sur Daniel Cordina – Deputat Sindku*
*Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier*
*Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera*
*Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati:
Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 17/07/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 17/07/2016;
4. Minuti tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn Laqgħa bin-nru. 17/2016;
5. Korrispondenza;
6. Ilmenti u Suġġerimenti;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Rapport Annwali Amministrattiv 2015;
9. Sejħiet għall-offerti:
   Kisi ta' toroq bil-*hot rolled asphalt*
   Akkwist u twaħħil ta' tabelli tat-traffiku;
10. Festa Santa Marija;
11. Affarijiet Oħra;
12. Aġġornament.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

1.1 Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

1.2 Is-Sindku qal li kien tkellem mas-Segretarja Eżekuttiva wara li kien innota li wara l-aħħar seduta tal-Kunsill Lokali ma kienet komda xejn taħdem il-Kunsill.
1.3 Is-Sindku rrefera għal għajdut ta' vot ta' sfiduċja fil-konfront tas-Segretarja Eżekuttiva minn xi Kunsillier/a. Is-Sindku ddikjara li hu għandu fiduċja sħiħa fis-Segretarja Eżekuttiva u talab lill-Kunsill biex kull min jixtieq jitkellem.
Is-Segretarja Eżekuttiva rringrazzjat lis-Sindku.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 17/07/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 18/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU 17/07/2016

3.1 Dwar rimborż ta' spejjeż lill-Kunsillieri, komunikat tal-Avv. Mario Scerri bi kjarifika għat-tweġiba tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsillier Saliba rrimarka dwar il-fatt li l-komunikat tal-avukat ma kienx intbagħat minn qabel u kien biss qabel il-laqgħa li ra dan il-komunikat. Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li dan il-komunikat ma kienx intbagħat minn qabel peress li l-avukat kien bagħtilha abbozz tal-kjarifika tiegħu qabel siefer u ma laħqitx kellmitu. Kien propju l-ġurnata ta' qabel il-laqgħa li tkellmet mal-avukat u qalilha biex tmexxi fuq dan il-komunikat.

3.2 Dwar 5.7, tweġiba tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet għaddiet din ir-risposta tad-dipartiment lir-Reġjun.

3.3 Dwar 9.2, tweġiba tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Ġie deċiż li ssir sejħa pubblika għal kwotazzjonijiet għall-aġġornament tal-ktejjeb; il-kundizzjonijiet tal-kwotazzjoni jsiru mill-Kav. J.M. Attard u ssir *working session* mas-Sur Attard biex ikun jista' jipprepara dawn il-kundizzjonijiet.

3.4 Dwar 9.4, is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet tkellmet ma' Savio Saliba u qalilha li s-siġar taż-żebbuġ ma fihx mard u n-nixfa li għandhom hi ta' meta kien tqabbad in-nar. Is-Sur Saliba qal li għandhom bżonn, issirilhom konka mdaqqsa biex jissaqqew u z-zkuk ta' mas-siġar jinqatgħu. Il-Kunsill qabel li s-siġar jissaqqew u jinqata' l-ħaxix u l-qasab ta' mal-ħajt.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 17/2016

4.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 17/2016 tat-Tlieta 31 ta' Mejju 2016 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija mill-Kunsill:

5.1 Ċirkulari nru. 8/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – inizzjattiva finanzjarja favur il-komunita` - Libreriji Lokali / Reġjonali. Il-Kunsill qabel li japplika biex juri l-interess tiegħu fl-iskema u l-applikazzjoni ssir fuq kotba għall-massimu tal-iskema.

5.2 Ittra ta' Transport Malta dwar identifikazzjoni ta' postijiet għal EV Charging Infrastructures. Il-Kunsill qabel li jipproponi lil Transport Malta dawn il-postijiet:

1. Triq iż-Żebbuġ, Żebbuġ,
2. *Car park* fil-*promenade* tal-Qbajjar, Triq Santa Marija, Marsalforn,
3. Triq il-Qbajjar, Marsalforn.

5.3 Ittra tal-Kummissarju għat-Tfal dwar il-Jum Dinji tat-Tfal 2016. Il-Kunsill qabel li għall-okkażjoni, jorganizza attivita`.

5.4 Komunikat tal-Arkivju Nazzjonali Għawdex dwar esibizzjoni In-Niċeċ Storiċi ta' Għawdex.
Il-Kunsill iddeċieda li jissuġġerixxi l-erba' niċeċ li hawn fil-lokalita` u jixtri ħames kopji tal-katalogu tan-niċeċ f' Għawdex.

5.5 L-ittra taċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn dwar xogħlijiet f' Marsalforn. Giet iċċaratha l-pożizzjoni tal-Kumitat dwar it-tiswija tal-bankina fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma' Triq ir-Rabat u ċioe` li l-Kumitat jaqbel li jitranġa l-aċċess għall-garaxxijiet u l-ħsara li saret mill-iżviluppatur tissewwa għas-spejjeż tiegħu u mhux tal-Kumitat.

5.6 Ittra ta' Film Corporation Malta Ltd dwar donazzjoni ta' €500 lill-Kunsill.

5.7 Ittra ndirizzata lis-Sindku dwar il-grawnd ta' Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Kumitat Żebbuġ Rovers FC il-veduti tiegħu dwar din l-ittra.

| | Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali | Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali |
|---|---|---|
| (i) | Il-Kan. Emanuel Saliba<br>Għal riċeviment nhar is-6 ta' Awwissu 2016 fi Pjazza l-Assunta. | Approvata –<br>fi Triq Għajn Mhelhel faċċata ta' Triq l-Għażżiela jitpoġġa sinjal juri t-triq hija *two-way*. |
| (ii) | Soċjeta` Filarmonika Sta Marija<br>Għal attivita` tombla nhar it-30 ta' Lulju 2016 fi Triq il-Knisja. | Approvata –<br>Il-Kunsill qabel li jibbukkja żewġ gwardjani għat-*traffic management* għal din l-attivita`. |

5.8 Il-Kunsillier Cassar qal li mill-pedament tal-bini tal-iskola kien qed jaqa' xi trab u ġebel fil-*playing field*. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkellem lill-Kap tal-Iskola.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

6.1 Ilment 27/2016 – is-Sinjura S Waterfield
Biex jinbena lqugħ fi Triq tal-Konti u traqqiegħ ta' ħofra fl-istess post. Ġie deċiż li ssir *site visit* mis-Sindku.

6.2 Ilment 28/2016 – is-Sur S Camilleri
Biex jinbena lqugħ ta' żewġ filati fi Triq il-Batterija fl-inħawi tat-torri. Approvata – ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.3 Ilment 29/2016 – il-Kunsillier C Saliba

Ressaq dawn il-proposti:

(i) Jitpoġġa sett tat-telefon fil-kamra tal-laqgħat. Ġew approvati żewġ telefons, wieħed għall-kamra tal-laqgħat u ieħor għall-uffiċċju tas-Sindku.

(ii) Biex isiru *bollards* fi Pjazza l-Assunta (għall-attivitajiet). Il-Kunsill approva li jinxtraw *portable bollards*.

(iii) Jitwaħħal sinjal juri l-bini tal-Kunsill, simili għal tal-Kunsill tal-Għarb. Approvata.

6.4 Ilment 30/2016 – is-Sinj. G Saliba
Biex isir *traffic management* fi Pjazza Madonna tal-Virtut. Proposta għal seduta oħra.

6.5 Ilment 31/2016 – is-Sinj. L Axiaq
Biex tinbidel il-bankina quddiem ir-residenza 'Merħba' fi Triq Għajn Mhelhel (il-madum ser tixtrih hi). Approvata li tinbidel.

6.6 Ilment 32/2016 – is-Sur V Agius
Biex tissewwa l-grada u jitnaddaf il-*water culvert* fi Triq il-Kaċċaturi. Approvat li jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.7 Ilment 33/2016 – il-Viċi Sindku
Biex jinqata' l-ħaxix u titnaddaf l-*area* u jinżabar il-bruk fil-Bajja tax-Xwejni faċċata tal-*flats*. Xogħol approvat li jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Issir bankina fuq naħa waħda tat-triq fi Triq Għajn Mhelhel, mill-grawnd l-isfel sa kantuniera max-*shooting range* (stima tax-xogħol €12,883). Approvata.

6.8 Diversi suġġerimenti mit-tfal tar-raba' sena tal-Iskola Primarja Żebbuġ.

6.9 Il-Kunsill qabel li l-UIFs tal-Awtorita` tal-Ippjanar għall-lokalita` taż-Żebbuġ jintużaw għall-*upgrading* tal-*playing field* taż-Żebbuġ. Ser issir *site visit* mal-Perit biex ikun stabbilit l-bżonnijiet tal-*playing field*.

6.10 Dwar il-bini ta' latrina pubblika fil-*playing area* ta' maġenb l-iskola, il-Kunsillier Saliba qal għandna naraw insibux spazju adegwat fl-*area* għal bini ta' latrina u fil-każ issir pjanta. Il-Kunsill qabel.

6.11 Il-Kunsill qabel li jitwaħħal sinjal "GO SLOW" fil-bidu ta' Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

7.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 15/2016 – DOK A għall-perijodu bejn il-21 ta' Ġunju 2016 u t-22 ta' Lulju 2016 li tammonta għal €23,469.39 kienet approvata u ffirmata.

## 8. RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2015

8.1 Billi r-Rapport Annwali Amministrattiv tal-Kunsill għas-sena 2015 kien ċirkulat minn qabel, dan ittieħed bħala moqri mill-Kunsill. Il-Kunsill approva r-Rapport kif preżentat u kien iffirmat.

## 9. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

### KISI TA' TOROQ BIL-*HOT ROLLED ASPHALT*

9.1 Dan l-*item* ma kienx diskuss peress li l-Bord tal-Evalwazzjoni ma għaddiex ir-rapport tiegħu.

### AKKWIST U TWAHHIL TA' TABELLI TAT-TRAFFIKU

9.2 Is-Segretarja Eżekuttiva qrat il-parir tal-avukat tal-Kunsill dwar jekk il-Kunsill jistax jirrifjuta ż-żewġ offerti mitfugħa.

9.3 Is-Sindku ressaq għall-vot jekk l-offerta għandiex terġa' toħroġ jew le:

Favur – Viċi Sindku u l-Kunsilliera Cassar u Grech
Kontra – Ħadd
Astensjonijiet – is-Sindku u l-Kunsillier Saliba.

9.4 Il-proposta għaddiet u ser issir sejħa mill-ġdid għall-offerti.

## 10. FESTA SANTA MARIJA 2016

10.1 Il-Kunsill unanimament qabel li jkun organizzat dan il-programm ta' attivitajiet:

| | |
|---|---|
| 31 ta' Lulju | Attivita` flimkien ma' grupp ta' voluntiera biex jinġabru flus għal Puttinu Cares. Il-Kunsill iddeċieda li għal din l-attivita` jikri *bouncy castles* għat-tfal u jagħti tifkira żgħira lill-parteċipanti kollha fil-*car show*. It-triq tingħalaq b' żewġ gwardjani lokali mis-7.30am sa1-11.30am. |

| | |
|---|---|
| 10 ta' Awwissu | L-attivita` "Giochi – *It's a knockout"* logħob għaż-żgħażagħ fi Pjazza l-Assunta (*budget* €500). |
| 16 ta' Awwissu | Divertiment għall-familja kollha bis-sehem ta' diversi kantanti fi Pjazza l-Assunta. Is-Sindku ppropona li nistiednu fosthom lil Johnny Cash u l-band tiegħu. Il-Kunsill alloka budget ta' €1,000 għal din l-attivita`. |
| 17 ta' Awwissu | Kunċert mill-Banda Santa Marija fi Pjazza l-Assunta. Jieħdu sehem il-Kor Regina Angelorum u l-Kor Santa Marija taż-Żebbuġ. Il-prezz mitlub miż-żewġ korijiet €400. Dan il-prezz kien approvat mill-Kunsill. |
| 19 ta' Awwissu | Produzzjoni ta' *feature* dwar l-istorja tar-raħal u l-avvenimenti lokali. L-ispiża biex isir dan il-*feature* €800. |
| 20 ta' Awwissu | Tiġrijiet taż-Żwiemel<br>(budget ta' €1,000). |
| 21 ta' Awwissu | Sky Concert<br>(budget ta' €2,000)<br>Ġie deċiż li għall-iSky Concert il-Kunsill jipprovdi servizz ta' trasport. |

10.2 Għal festa ta' Dun Joseph Attard, tingħata mill-Kunsill tifkira tal-okkażjoni (€100).

10.3 Ġie deċiż li l-arbli tal-bnadar ta' Marsalforn jinqalgħu u temporanjament jitwaħħlu quddiem ir-residenza ta' Dun Joseph Attard fi Triq Għajn Mhelhel; jagħmel ix-xogħol Ġanni Cini.

10.4 Il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' bandiera bajda u blu għall-arblu tal-Kunsill (€500).
- t-tindif tat-toroq fil-ġranet tal-festa jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- l-gabbani / kjosks tal-festa jżommu l-istess posta tas-sena l-oħra.

## 11. AFFARIJIET OHRA

11.1 Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill jissuġġerixxi lil Transport Malta biex is-servizz tat-trasport pubbliku jkun estiż għan-naħa ta' fuq taż-Żebbuġ, Triq il-Ponta u Triq il-Mitħna.
Il-Kunsill qabel.

11.2 Is-Sindku qal il-ħarġa li soltu ssir għall-festa tas-Salvatur mhux se ssir peress li hemm il-*barbeque* taż-żgħażagħ fl-istess ġurnata u l-istess ħin.

11.3 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li titwaħħal mera tat-traffiku fl-isqaq fejn joqgħodu ta' Carnemolla fi Triq Għajn Mhelhel.

11.4 Il-Viċi Sindku ressaq dawn il-proposti:

- poġġaman għall-persuni b' diżabilita` fi Triq ta' Habel it-Twil. Approvat; jagħmel ix-xogħol Ġanni Cini.
- tabella biex tikkumplimenta l-marki ta' mal-art – parkeġġ riservat għall-persuni b' diżabilita` fi Triq il-Kappillan Franġisk Vella. Approvata.
- jitneħħa terrapien mill-linja tal-bini l-barra fi Triq tal-Kanun. Ser tintbagħat ittra lill-Planning Authority dwar dan it-terrapien.
- twittija tat-triq Triq ġdida fi Triq is-Sagħtrija. Terġa' ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex.

11.5 Il-Kunsillier C Saliba talab biex isiru *reminders* dwar:

- periklu fil-bidu ta' Triq il-Knisja b' referenza għar-rapport li kien għamel il-Perit.
- monument vittmi tal-gwerra u tisqif ta' gandott fi Triq il-Knisja (lill-Perit).

## 12. AĠĠORNAMENT

12.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta 30 ta' Awwissu 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

***Nicky Saliba***
*Sindku*

***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*

Data: ***30 ta' Awwissu 2016***